- Rikuża – trid issir f'waqt tempestiv
- Pronunzja li hemm każ 'prima facie' in sede peanli

**FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI**

**(SEDE KOSTITUZZJONALI)**

**IMĦALLEF**

**ONOR. GRAZIO MERCIECA LL.D.**

**ILLUM, 26 ta' Settembru 2023**

**Fl-Atti tar-Rikors Kostituzzjonali 635/2022 GM fl-ismijiet:**

**Mary Louise Attard (K.I. 142677 M)**

**vs**

**L-Avukat ta' l-Istat u**
**L-Avukat Ġenerali**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors ta' Mary Louise Attard li permezz tiegħu wara li ppremettiet illi :

1. L-esponenti tressqet il-Qorti akkużata b'reati bi ksur tal-provedimenti ta' l-*Att dwar il-Money Laundering*. Il-proċeduri jinsabu pendenti quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja, huma fl-ismijiet *Il-Pulizija (Spett Kevin Turner) vs Mary Louise Attard,* u differita għat-30 ta' Novembru 2022.

2. Waqt dawn il-proċeduri il-Qorti tal-Maġistrati kienet tat digriet skont l-artikolu 401(2) tal-Kap. 9 fejn iddikjarat illi kien hemm raġunijiet biżżejjed biex l-esponenti titqiegħed taħt l-att ta' akkuża. Il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja konsegwentement irrinvjat l-atti lill-Avukat Ġenerali skont l-artikolu 402(3) tal-Kap. 9.

3. Però l-atti ma ġewx rinvjati lill-Avukat Ġenerali fi żmien tlitt ijiem skont l-artikolu preċitat u konsegwentement, biex jiġu sanati l-atti, bl-applikazzjoni ta' l-artikolu 432(2) tal-Kap. 9 l-Avukat Ġenerali kellu jibgħat l-atti lura lill-Qorti flimkien ma' talba bil-miktub biex il-Qorti terġa tibda mill-ġdid il-kumpilazzjoni li għandha tingħalaq fi żmien ħamest tijiem tax-xogħol (artikolu 432(3) tal-Kap. 9).

4. Il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja reġgħet bdiet mill-ġdid il-kumpilazzjoni.

5. Għandu jiġi enfasiżżat illi f'dawn il-proċeduri deher manifestament in-nuqqas ta' provi fil-konfront tal-esponenti, kemm meta instemgħu l-provi l-ewwel darba u kif ukoll meta reġgħu instemgħu wara r-rinviju ta' l-Avukat Ġenerali a tenur ta' l-artikolu 432(2) tal-Kap. 9.

6. Konsegwentement l-esponenti ħasset il-ħtieġa illi titlob il-liberatorja skont l-artikolu 401(2) tal-Kap. 9.

7. Waqt l-udjenza tal-21 ta' Novembru 2022 l-esponenti talbet ir-rekuża tal-Maġistrat sedenti u dan skont l-artikolu 734(1)(d) tal-Kap. 12 peress illi l-Maġistrat sedenti kienet diġà esprimiet ruħha preċedentement fuq il-*prima facie*. Din it-talba ġiet miċħuda.

8. Għalhekk l-esponenti ivverbaliżżat illi minħabba f'din iċ-ċaħda ma kinitx qed titlob il-liberatorja, u rriżervat li tipproċedi bil-proċeduri odjerni.

9. B'dan il-mod l-esponenti tqiegħdet f'pożizzjoni fejn, filwaqt illi l-provi tal-prosekuzzjoni fil-konfront tagħha kienu fqar ħafna u allura kien hemm probabilita' illi talba li tiġi liberata a tenur ta' l-artikolu artikolu 401(2) tal-Kap. 9 kienet tintlaqa', hija sabet ruħha f'sitwazzjoni fejn setgħat biss tagħmel it-talba lill-Maġistrat sedenti illi ma kienitx indipendenti u mparzjali għaliex kienet diġà esprimiet ruħha fid-digriet preċedenti.

10. L-esponenti f'dan ir-rigward tagħmel referenza għal digriet fl-ismijiet *Il-Pulizija vs Francis Zammit Dimech* mogħti fil-quddiem il-Maġistrat Doreen Clarke fl-2015.

Talbet lil din il-Qorti sabiex:

i) Tiddikjara illi minħabba illi l-Maġistrat sedenti fil-proċeduri kontra l-esponenti fl-ismijiet *Il-Pulizija (Spett Kevin Turner) vs Mary Louise Attard* ma rrekużatx ruħha fl-udjenza tat-22 ta' Novembru 2022 meta l-esponenti kienet ser tagħmel talba biex jiġi liberata skont l-artikolu 401(2) tal-Kap. 9 nonostante li hija kienet diġà esprimiet

ruħha preċedentement dwar il-*prima facie* jilledi d-drittijiet fundamentali ta' l-esponent kif sanċiti fl-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea għad-Drittijiet u l-Liberitajiet tal-Bniedem.

ii) Tagħmel dawk l-ordnijiet, toħroġ dawk l-atti u tagħti dawk id-direttivi li tqis xierqa sabiex twettaq, jew tiżgura t-twettiq tad-dritt ta' smigħ xieraq tar-rikorrenti nkluż li tiddikjara n-nullita' tal-proċeduri kontra l-esponenti u/jew tordna l-liberazzjoni ta' l-esponenti.

Rat ir-Risposta Ġuramentata tal-Avukat tal-Istat u l-Avukat Ġenerali li permezz tagħha eċċepixxa illi :

1. Preliminarjament, l-Avukat Ġenerali mhiex il-leġittimu kontradittur f'dawn il-proċeduri u għalhekk għandha tigi liberata mill-osservanza tal-ġudizzju.

2. Mingħajr preġudizzju għas-suespost, u fil-mertu, it-talbiet rikorrenti huma infondati fil-fatt u fid-dritt u dan għar-raġunijiet segwenti.

3. Il-bażi tal-ilment huwa li r-rikorenti allegatament sofriet ksur tad-dritt tagħha għal smigħ xieraq kif sanċit mill-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni għaliex il-maġistrat sedenti fil-proċeduri kriminali miġjuba kontra r-rikorrenti ma rrikużatx ruħha meta l-kumpilazzjoni kellha terġa' tibda mill-ġdid. Skont ir-rikorenti, peress li l-maġistrat kienet sabet li kien hemm biżżejied raġunijiet sabiex ir-rikonenti titpoġġa taħt att ta' akkuża, l-istess maġistrat kienet esprimiet ruħha u għalhekk ma messiex ippresjediet fil-kumpilazzjoni meta din inbdiet mill-ġdid.

4. Jibda billi jingħad li huwa ben stabbilit fil-ġurisprudenza li fanalizi ta' allegazzjoni ta' leżjoni tad-dritt għal smigħ xieraq, dan l-istħarriġ irid ikun tal-proċess fit-totalita' tiegħu u mhux ta' xi aspett partikolari f'iżolament.

5. Huwa paċifiku li mera maġistrat f' kumpilazzjoni jiddeċiedi jekk hemmx raġunijiet biżżejied sabiex persuna titqiegħed taħt att ta' akkuża ai termini tal-Artikolu 401(2) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-livell ta' prova meħtieġ huwa tal-prima facie. L-eżerċizzju kontemplat fl-Artikolu 401(2) huwa biss jekk, mad-daqqa t'għajn, hemmx lok li jitkomplew il-proċeduri kriminali kontra l-imputat. Kruċjalment iżda, f'dak l-istadju, maġistrat b'ebda mod ma jkun qiegħed jesprimi fehma dwar il-ħtija o meno tal-imputat.

6. Għalhekk, it-talba għar-rikuża li għamlet ir-rikorrent kienet ġustament miċħuda. Ulterjorment, meta l-kumpilazzjoni nbdiet mill-ġdid, il-maġistrat kellha tiddeċiedi rnill-ġdid jekk il-provi miġjuba fit-"tieni" kumpilazzjoni kinux suffiċjenti biex ir-rikorrenti titpoġġa taħt att ta' akkuża. Evidentement, il-provi miġjuba laħqu l-grad surreferit tal-prima facie fiż-żewġ okkażjonijiet li l-maġistrat kellha tiddeċiedi dwar dan il-punt. Ir-rikorrenti għandha kull dritt tikkondendi li ma hemmx biżżejjed provi sabiex titqiegħed taħt att ta' akkuża fiż-żewġ okkażjonijiet, u kellha kull opportunita' li tissenjala dan waqt il-kumpilazzjoni, iżda ma jfissirx li l-fehma tagħha neċessarjament hi korretta. Apparti minn hekk, il-fatt li l-maġistrat ċaħdet it-talba għal

rikuża ma kienx ifisser li awtomatikament u kapriċċożament kienet ser tiċħad it-talba għal-liberatorja kif donnha qed timplika r-rikorrenti.

7. F'dan l-isfond, l-allegazzjoni li l-maġistrat ma kinitx indipendenti jew imparzjali hi għal kollox gratuwita u jinkombi fuq ir-rikorrenti li turi kif dan huwa minnu.

8. F'dawn iċ-ċirkostanzi għalhekk, ċertament ma kienx hemm, u mhux ser ikun hemm, ksur tal-jedd għall-smigħ xieraq tar-rikorrenti.

9. Huwa bil-wisq evidenti, partikolarment meta wieħed iqis it-talba għal rimedju tar-rikorrenti, li dawn il-proċeduri ġew istitwiti bl-iskop iddisprat li b'xi mod jew ieħor jintemmu l-proċeduri kriminali miġjuba kontra r-rikorrenti. Magħdud ma' dak kollu għalhekk, l-esponent huwa tal-fehma li din il-kawża hi sempliċiment frivola u vessatorja u għalhekk din l-Onorabbli Qorti għandha tiddikjaraha bħala tali.

Rat l-atti tal-kawża.

Rat il-kopja tal-atti tal-proċess kriminali numru 552/2021 pendenti quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja.

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet.

Ikkunsidrat:

Fl-1 ta' Settembru, 2021 inħarġu diversi imputazzjonijiet fil-konfront tar-rikorrenti f'isimha personali kif ukoll għan-nom tas-soċjetà One Telecom Limited, bl-imputazzjoni prinċipali tkun dik li wettqet atti ta' *money laundering* bi ksur tal-Kap. 373 tal-Liġijiet ta' Malta.

Ir-rikorrenti dehret għall-ewwel darba quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja, presjeduta mill-Onor. Maġistrat Dr. D. Frendo Dimech fil-15 ta' Novembru, 2021. Inqraw l-imputazzjonijiet u sar l-eżami tar-rikorrenti *ai termini* tal-Artikolu 392 tal-Kap. 9 fejn hi wieġbet li mhijiex ħatja tal-imputazzjonijiet miġjuba kontriha. Sussegwentement instemgħu ċerti Claudia Diacono, Louis Buhagiar u l-Ispettur James Turner. Abbażi tax-xhieda u

dokumenti miġjuba l-Qorti, *ai termini* tal-Artikolu 401(2) tal-Kap. 9, tat digriet li kien hemm raġunijiet biżżejjed biex ir-rikorrenti titpoġġa taħt att ta' akkuża quddiem il-Qorti Kriminali. Ma kienx hemm kontestazzjoni mid-difiża għall-pronunzjament tal-*prima facie* qabel dan ingħata mill-Qorti.

Il-kawża ġiet differita għall-20 ta' Diċembru, 2021 filwaqt li l-atti ġew rinvjati għand l-esponent Avukat Ġenerali skont il-Liġi.

Permezz ta' nota datata 18 ta' Novembru, 2022, l-Avukat Ġenerali osservat li l-atti ma ntbagħulhiex fit-terminu prefiss mil-Liġi. Konsegwentement, *ai termini* tal-Artikolu 432 tal-Kap. 9, talbet li terġa' tibda mill-ġdid.[1]

Fis-seduta ta' nhar il-21 ta' Novembru, 2022, reġa' sar l-eżami tar-rikorrenti. Hi ma weġbitx għan-nom ta' One Telecolm Limited u allura tali silenzju tqies bħala tweġiba li ma kenitx ħatja. Dakinhar, id-difiża m'eżentatx lill-Qorti milli tisma' l-provi miġjuba mill-ġdid.[2]

Kien għalhekk li l-Qorti ħalliet il-kawża għat-23 ta' Novembru, 2022 sabiex jinstemgħu l-provi dwar il-*prima facie*.

Fis-seduta tat-23 ta' Novembru, 2022, id-Difiża talbet għar-rikuża abbażi tal-Art.734(i)(d)(ii) tal-Kap. 12 tal-maġistrat sedenti għaliex, preċedentement, l-istess maġistrat sedenti kienet diġà esprimiet ruħha preċedentement fuq il-*prima facie.*

Il-Qorti ċaħdet it-talba wara li osservat li:

[1] Ara fol. 1449 tal-kopja tal-atti kriminali esebiti.
[2] Ibid fol. 1450.

*(i)* *Fl-ewwel lok ir-rinviju ta' ħamest ijiem intbagħat biex jiġu sanati l-atti wara li, bi zvista, il-proċess ma ntbagħatx lill-Avukat Ġenerali fi żmien stipulat fil-liġi;*

*(ii)* *B'mod sekondarju jinghad li din il-Qorti lanqas qatt ma ressqet viċin xi pronunzjament fuq il-mertu kif jipprovdi l-imsemmi artikolu, tant li sal-lum il-ġurnata lanqas għandha kompetanza tagħti xi deċizjoni fuq il- mertu, ġaladarba skont l-Ordni tal-Avukat Ġenerali, dan il-każ għandu jiġi ġudikat mill-Qorti Kirminali;*

*(iii)* *Fit-tielet punt, at temini tal-Artikolu 569 tal-Kodiċi Kriminali, wara li jintbagħat rinvju mill-Avukat Ġenerali, il-proċeduri "jissoktaw" u mhux "jerggħu jinbdew";*

*(iv)* *Inoltre fis-seduta preċedenti ghal dik tal-lum, kien diġa' sar l-ezami quddiem din l-istesss Qorti kif preseduta fejn ma tqajmet l-ebda eċċezzjoni dwar rikuża. Dakinhar, id-difiża kif kellha dritt, sempliċement ma eżentatx il-Qorti mis-smigħ mill-ġdid tal-provi;*

*(v)* *Jiġi emfasizzat li fil-kaz in deżamina ma kien hemm l-ebda bdil fl-akkużi u għalhekk il-provi baqghu interament l-istess, u*

*(vi)* *Finalment jiġi sottolineat li meta kienet ser tingħata deċiżjoni dwar il-prima facie l-ewwel darba, id-difiża ma għamlet l-ebda kontestazzjoni fir-rigward.*

Sussegwentement, fl-1 ta' Diċembru, 2022, ġew istitwiti dawn il-proċeduri kostituzzjonali.

Ikkunsidrat:

Huwa dedudiċċibli mill-Art. 739 tal-Kap. 12, illi t-talba għar-rikuża trid issir *in limine litis* jew fin-nuqqas malli min ikun parti fil-kawża jsir jaf biha.  Dan

għaliex jekk l-ilmentatur iħalli l-kawża miexja, jkun impliċitament irrinunzja għar-rikuża. Barra minn hekk, ikun wisq faċli għal min ikollu skop li jtawwal il-kawża biex jirrikorri għall-istrateġimma tar-rikuża wara li l-kawża tkun imxiet sewwa; bir-riżultat li jinħlew il-ħin u r-riżorsi limitati tal-Qorti. F'dan il-każ it-talba għar-rikuża ma saritx fil-mument meta setgħet saret.

L-ilment ta' natura "kostituzzjonali" hu li l-maġistrat sedenti diġa` ddeċidiet fuq il-*prima facie*. Li għalhekk ma setgħetx terga' tippronunzja l-*prima facie* o meno fuq l-istess provi; iktar u iktar meta l-livell ta' provi huwa baxx ħafna u hemm lok għal-liberatorja. Kif tajjeb irrimarkat l-istess Onorevoli Maġistrat, id-difiża ma kienet għamlet l-ebda kontestazzjoni meta ġie ppronunzjat id-digriet tal-*prima facie*. F'dak l-istadju m'għamlet l-ebda sottomissjoni dwar dak li jidhrilha li hu l-livell baxx tal-provi. Din il-Qorti għalhekk issib li anke hawn allura kien hemm l-akkwijixxenza tad-difiża għal dan id-digriet.

Ir-rikorrenti mhix qiegħdha titlob li l-każ jinstama' minn Maġistrat ieħor jew oħra, imma li tiġi ddikjarata n-nullita` tal-proċeduri. Mhix qiegħdha titlob li jissewwa l-allegat ksur ta' jedd fundamentali, imma li tapprofitta ruħha minnu biex tinħeles mill-proċeduri penali.

Fid-dawl tal-premess, il-Qorti sejra tieqaf hawn. Ittenni għall-enneżima darba li l-proċeduri "kostituzzjonali" mhumiex qegħdin hemm biex iservu ta' pretest biex jiġu mfixkla proċeduri ordinarji quddiem il-Qrati, inklużi dawk ta' kompetenza penali, li fl-istadju tal-kumpilazzjoni diġa' huma labirintini. Lanqas biex *de facto* jservu ta' forma ta' reviżjoni jew appell. Wisq inqas f'każijiet fejn ir-rimedju taħt il-liġi ordinarja ma jintalabx u fejn ikun hemm akkwijixxenza għall-proċeduri li jkunu mexjin.

***Decide***

Għal dawn il-motivi l-Qorti tiċħad it-talbiet tar-rikorrenti.

Spejjeż a kariku tal-istess rikorrenti.

MOQRIJA

ONOR. IMĦALLEF

GRAZIO MERCIECA